

32004R0737

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 737/2004**tal-21 ta' April 2004****li jemenda l-obbligi tal-kunsinna għaz-zokkor tal-kannamieli li se jkun importat skond il-Protokoll ACP u l-Ftehim ta' l-Indja għall-perjodu ta' kunsinna 2003/2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1159/2003 tat-30 ta' Ġunju 2003 li jstabbilixxi regoli dettaljati applikabbli għas-snin ta' *marketing* 2003/2004, 2004/2005 u 2005/2006 għall-importazzjoni ta' zokkor tal-kannamieli skond ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1464/95 u (KE) Nru 779/96 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) ta' l-istess,

billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 443/2004 ⁽³⁾ stabbilixxa l-obbligi tal-kunsinna għaz-zokkor tal-kannamieli li se jiġi importat taħt il-Protokoll ACP u l-Ftehim ma' l-Indja għall-perjodu ta' kunsinna 2003/2004.
- (2) Ir-Renju Unit issottometta applikazzjoni għat-trasferiment ta' l-obbligi tal-kunsinna għall-perjodi ta' kunsinna 2003/2004 u 2004/2005 iffissat għaz-Zimbabwe sabiex issir korrezzjoni ta' żball amministrattiv magħmul meta kienu qegħdin jiġu mogħtijin *code* l-applikazzjonijiet għal-liċenza ta' importazzjoni għal dak il-pajjiż. Dak l-iżball wassal biex il-liċenzi nħarġu għal 6858.11 tunnellata metrika aktar mill-obbligu ta' kunsinna ffissat għaz-Zimbabwe għall-perjodu ta' kunsinna 2003/2004.

- (3) Ġaladarba t-trasferiment ta' 6858.11 tunnellata metrika mill-obbligu ta' kunsinna taz-Zimbabwe għall-2004/2005 għall-obbligu għall 2003/2004 mhux se jiddis-turba l-ftehim għall-fornitura msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001, l-obbligu tal-kunsinna ffissat għaz-Zimbabwe għall-perjodu ta' kunsinna 2003/2004 għandu jiġi emendat.

- (4) Il-miżuri meħudin b'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-obbligi tal-kunsinna għall-importazzjoni ta' prodotti elenkati fil-*Code* CN 1701, espressi bħala ekwivalenti ta' zokkor abjad, li joriġinaw minn pajjiżi firmatarji għall-Protokoll ACP u l-Ftehim ta' l-Indja għall-perjodu ta' kunsinna 2003/2004 għal kull pajjiż li jesporta hekk kif imniżżlin fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 443/2004 qegħdin jiġu bil-preżenti emendati kif jidher fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, nhar il-21 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 178, tat-30.6.2001, pġ. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 39/2004 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2004, pġ. 2).

⁽²⁾ ĠU L 162, ta' l-1.7.3, pġ. 25.

⁽³⁾ ĠU L 72, tal-11.3.4, pġ. 52.

ANNEX

Obbligi tal-kunsinna għall-importazzjoni ta' zokkor preferenzjali, espressi fl-ekwivalenti ta' zokkor abjad, li joriġina minn pajjiżi li huma firmatarji għall-Protokoll ACP u l-Ftehim ta' l-Indja għall-perijodu ta' kunsinna 2003/2004

Pajjiż Firmatarju għall-Protokoll ACP/Ftehim ta' l-Indja	Obbligi tal-Kunsinna 2003/2004
Barbados	50 641,21
Belize	38 977,79
Kongo	10 186,10
Kosta ta' l-Ivorju	10 186,10
Fiġi	161 123,25
Gujana	153 799,11
Indja	10 000,00
Ġamajka	118 695,13
Kenja	0,00
Madagaskar	18 815,50
Malawi	20 564,84
Mawrizju	484 278,72
Uganda	0,00
Saint-Kitts-and-Nevis	8 804,51
Surinam	0,00
Swaziland	111 298,16
Tanzanija	10 189,35
Trinidad-u-Tobago	42 054,47
Zambja	0,00
Żimbabwe	36 658,00
Total	1 286 272,24